CFT 020-4016/24. Provvista ta' 'nebuliser with self-sealing T connector and tubing'

CFT 003-4017/24. Servizzi ta' ripatrijazzjoni għal pazjenti defunti sponsorjati mill-Gvern li jkunu qed jieħdu l-kura barra minn Malta

CFT 009-4018/24. Provvista ta' 'CPR adult trainer mannequin'

CFT 020-4019/24. Provvista ta' 'synthetic, absorbable polydioxanone suture G3/0'

CFT 020-4020/24. Provvista ta' 'centurion phaco pack'

CFT 020-4021/24. Provvista ta' 'Monofilament polypropylene suture G4/0'

CFT 020-4022/24. Provvista ta' 'blunt filter needles'

CFT 020-4023/24. Provvista ta' 'Cannula 18G'

CFT 021-4025/24. Provvista ta' 'Sodium Bicarbonate 8.4% infusion'

CFT 020-4026/24. Provvista ta' 'blood gases EQA scheme for POC analysers

CFT 020-4027/24. Provvista ta' 'braided synthetic absorbable suture G2/0'

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQs tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

L-4 ta' Ottubru, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministry for Health and Active Ageing, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Friday, 25th October, 2024, Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFT 009-4013/24. Purchase of instrument trolleys for various wards at Mater Dei Hospital

CFT 020-4014/24. Supply of ready prepared media for Bacteriology Laboratory

CFT 020-4015/24. Supply of rapid stain kit, reagents and consumables for cytology

CFT 020-4016/24. Supply of nebuliser with self-sealing T connector and tubing

CFT 003-4017/24. Repatriation services for deceased government sponsored patients receiving treatment overseas

CFT 009-4018/24. Supply of CPR adult trainer mannequin

CFT 020-4019/24. Supply of synthetic, absorbable polydioxanone suture G3/0

CFT 020-4020/24. Supply of centurion phaco pack

CFT 020-4021/24. Supply of Monofilament polypropylene suture G4/0

cft 020-4022/24. supply of blunt filter needles

CFT 020-4023/24. Supply of Cannula 18G

CFT 021-4025/24. Supply of Sodium Bicarbonate 8.4% infusion

CFT 020-4026/24. Supply of blood gases EQA scheme for POC analysers

CFT 020-4027/24. Supply of braided synthetic absorbable suture G2/0

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

4th October, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tnejn, 7 ta' Ottubru, 2024.

ERU3009U24 – Medicinal
ERU3009U24A – Medicinal
ERU3009U24B – Medicinal
ERU3009U24C – Medicinal
ERU3009U24D – Medicinal
ERU0110U24 – Medicinal
ERU0110U24 – Devices
ERU0110U24A – Medicinal
ERU0110U24B – Medicinal
ERU0110U24C – Medicinal
ERU0110U24D – Devices
ERU0110U24E – Medicinal
ERU0110U24F – Medicinal
ERU0110U24G – Devices
ERU0110U24H – Tests
ERU0110U24I – Devices

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

L-4 ta' Ottubru, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, 8 ta' Ottubru, 2024.

ERU0210U24 – Medicinal
ERU0210U24 – Devices
ERU0210U24A – Medicinal
ERU0210U24B – Medicinal
ERU0210U24C – Medicinal
ERU0210U24D – Medicinal
ERU0210U24E – Medicinal
ERU0210U24F – Medicinal
ERU0210U24G – Devices
ERU0210U24H – Devices
ERU0210U24I – Medicinal
ERU0210U24J – Medicinal
ERU0210U24K – Medicinal

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Monday, 7th October, 2024.

ERU3009U24 – Medicinal
ERU3009U24A – Medicinal
ERU3009U24B – Medicinal
ERU3009U24C – Medicinal
ERU3009U24D – Medicinal
ERU0110U24 – Medicinal
ERU0110U24 – Devices
ERU0110U24A – Medicinal
ERU0110U24B – Medicinal
ERU0110U24C – Medicinal
ERU0110U24D – Devices
ERU0110U24E – Medicinal
ERU0110U24F – Medicinal
ERU0110U24G – Devices
ERU0110U24H – Tests
ERU0110U24I – Devices

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

4th October, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Tuesday, 8th October, 2024.

ERU0210U24 – Medicinal
ERU0210U24 – Devices
ERU0210U24A – Medicinal
ERU0210U24B – Medicinal
ERU0210U24C – Medicinal
ERU0210U24D – Medicinal
ERU0210U24E – Medicinal
ERU0210U24F – Medicinal
ERU0210U24G – Devices
ERU0210U24H – Devices
ERU0210U24I – Medicinal
ERU0210U24J – Medicinal
ERU0210U24K – Medicinal

ERU0210U24L – Medicinal
ERU0210U24M – Medicinal
ERU0210U24N – Medicinal
ERU0210U24O – Medicinal
ERU0210U24P – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

L-4 ta' Ottubru, 2024

KUNSILL LOKALI L-QALA

Il-Kunsill Lokali l-Qala jgħarraf lill-pubbliku ġenerali illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' Ottubru, 2024, għal:

Avviż Nru QLLC/11/2024. Xogħlijiet – rinnovar ta' latrina pubblika fil-Qala (ħruġ mill-ġdid).

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-4 ta' Ottubru, 2024

KUNSILL LOKALI L-KALKARA

Il-Kunsill Lokali l-Kalkara jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali l-Kalkara sad-9.30 a.m. ta' nhar il-Ħamis, 24 ta' Ottubru, 2024, għal:

Avviż Nru KKR/T/03/2024. Ġbir ta' skart goff u WEEE mil-lokalità tal-Kalkara, bl-użu ta' trasport b'emissjonijiet baxxi.

ERU0210U24L – Medicinal
ERU0210U24M – Medicinal
ERU0210U24N – Medicinal
ERU0210U24O – Medicinal
ERU0210U24P – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

4th October, 2024

QALA LOCAL COUNCIL

The Qala Local Council notifies the general public that:

Tenders will be received through ePPS up to 10.00 a.m. on Tuesday, 22nd October, 2024, for:

Advt No. QLLC/11/2024. Works – upgrading of Qala public convenience (re-issue).

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

4th October, 2024

KALKARA LOCAL COUNCIL

The Kalkara Local Council nnotifies that:

Tenders will be received at the Kalkara Local Council through ePPS up to 9.30 a.m. on Thursday, 24th October, 2024, for:

Advt No. KKR/T/03/2024. Collection of bulky refuse and WEEE from the locality of Kalkara, using low emission transport.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-4 ta' Ottubru, 2024

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from the same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

4th October, 2024

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2231

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-4 ta' Ġunju, 2024, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Noel Grima.

Nazzareno Farrugia (KI 0346639M) ta' 63, Sunflower, Triq il-Barrieri, Iż-Żurrieq, ippreżenta Talba, fit-28 ta' Mejju, 2024, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Noel Grima (KI 0571290M) ta' Memphis, Triq Giovanni Pullicino, Ħaż-Żebbuġ, sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' €2000, liema ammont huwa dovut lill-attur.

Bl-ispejjeż

Il-kawża (Avviż numru 166/2024CC) hija differita għat-23 ta' Ottubru, 2024, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 30 ta' Settembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 4th June, 2024, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on Noel Grima in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Nazzareno Farrugia (ID 0346639M) of 63, Sunflower, Triq il-Barrieri, Żurrieq, filed a Claim on the 28th May, 2024, whereby he asked the Tribunal to condemn Noel Grima (ID 0571290M) of Memphis, Triq Giovanni Pullicino, Ħaż-Żebbuġ, to pay the plaintiff the sum of €2000, which amount is due to the plaintiff.

With costs

The case (Claim number 166/2024CC) is deferred on the 23rd October, 2024, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 30th September, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2232

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-3 ta' Mejju, 2023, Rikors numru 841/2023, minn Michelle Demicoli et fejn insegwitu tar-rikors Loreta Demicoli li għandha karta tal-identità numru 930650M ġiet interdetta mill-atti kollha tal-ħajja ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Lulju, 2024.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 30 ta' Settembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 3rd May, 2023, Application number 841/2023, by Miche4lle Demicoli et, whereby following the application Loreta Demicoli holding identity card number 930650M, was interdicted from all the acts of the civil life by means of a decree given on the 8th July, 2024.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 30th September, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2233

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti Minorenni fil-21 ta' Settembru, 2024, fl-atti tar-rikors numru 120/2023AC, fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali vs Raisa Gatt et, giet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Raisa Gatt, Darren Schembri u Deniro Bugeja a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' nota fl-atti tar-rikors numru 120/2023AC fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali vs Raisa Gatt (KI 303096M), Darren Schembri (KI 439489M) u Deniro Bugeja (KI 557594M) ippreżentata fil-Qorti Minorenni, fil-10 ta' Ġunju, 2024, ir-rikorrenti Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal ippreżenta rapport tal-5 ta' Ġunju, 2024, hawn anness u mmarkat bħala Dok. ZM2.

Permezz ta' digriet tal-14 ta' Ġunju, 2024, il-Qorti ordnat li l-intimati jiġu notifikati bir-rapport bi żmien ħamest ijiem għal risposta.

Il-kawża fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali vs Raisa Gatt et (Rikors numru 120/2023AC) tinsab differita għall-11 ta' Ottubru, 2024, fil-10.15 a.m.

Esponenti: Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal, 220, Triq il-Kanun, Santa Venera

Notifika: Raisa Gatt, 112, Alcasons Court, Block B, Fl. 1, Triq id-Dejma, Ħal Tarxien
Darren Schembri, Apt 21 ta' Settembru 1946, Blk A, Fl. 16, Triq il-Prinjoli, Santa Luċija
Deniro Bugeja, Facilità Korrettiva ta' Kordin

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 30 ta' Settembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 21st September, 2024, handed down by the Juvenile Court in the records of the application number 120/2023AC in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services vs Raisa Gatt et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Raisa Gatt, Darren Schembri and Deniro Bugeja in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a note in the records of Application Number 120/2023AC in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services vs Raisa Gatt (ID 303096M), Darren Schembri (ID 439489M) and Deniro Bugeja (ID 557594M) filed in the Juvenile Court, on the 10th June, 2024, the applicant Directorate for Child Protection filed a report of the 5th June, 2024, here attached and marked as Doc .ZM2.

By means of a decree of the 14th June, 2024, the Court ordered that the respondents be notified with the said report having five days to file a reply.

The case (Application number 120/2023AC) in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services vs Raisa Gatt et is postponed to the 11th October, 2024, at 10.15 a.m.

Applicant: Directorate for Child Protection, 220, Triq il-Kanun, Santa Venera

Notification Raisa Gatt, 112, Alcasons Court, Block B, Fl. 1, Triq id-Dejma, Ħal Tarxien
Darren Schembri, Apt 21 ta' Settembru 1946, Blk A, Fl. 16, Triq il-Prinjoli, Santa Luċija
Deniro Bugeja, Facilità Korrettiva ta' Kordin

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 30th September, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2234

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-23 ta' Settembru, 2024 (Rikors numru 81/2024) rikors ta' Pauline sive Paulina sive Paula Cefai et fejn intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Giovanni Cefai, miżżewweġ lil Pauline sive Pawlina sive Paula Cefai, bin il-mejtin Michele Cefai u Giuseppa Cefai née Portelli, imwieled il-Qala, Għawdex, fl-20 ta' Lulju, 1935, u miet ir-Rabat, Għawdex, fil-21 ta' Frar, 2024, liema apertura ta' suċċessjoni għandha ssir a favur martu Pauline sive Paulina sive Paula Cefai fi kwota ta' nofs

It is hereby notified that by means of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, on the 23rd of September, 2024 (Application number 81/2024) by Pauline sive Paulina sive Paula Cefai et, the opening of the succession was requested of Giovanni Cefai, married to Pauline sive Pawlina sive Paula Cefai, son of the late Michele Cefai and Giuseppa Cefai née Portelli, born in Qala, Gozo, on the 20th of July, 1935, and died in Victoria, Gozo, on the 21st of February, 2024, which opening of succession is to be made in favour of his wife Pauline sive Paulina sive Paula

(1/2) indiviż u favur ta' wliedu Joseph Michael Cefai u John Paul Cefai fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż kull wieħed, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, bix-xhieda ta' Dott. Brigitte Sultana, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 30 ta' Settembru, 2024

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Cefai in the quota of one half (1/2) undivided share and in favour of his children Joseph Michael Cefai and John Paul Cefai in the quota of one fourth (1/4) undivided share each, the issue of these bands was ordered to let know everyone who may have an interest therein.

Therefore, anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr Brigitte Sultana, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

Today the 30th of September, 2024

DANIEL SACCO
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

2235

ARB/C074/2024 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fid-29 ta' Settembru, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Marse-Anne Farrugia, LLD). Kumpilazzjoni Numru 770/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Jonathan Pace)

Kontra

SHAHRUL IDZWAN BIN MOHD ALI, bejjiegħ, ta' 31 sena, iben Mohd Ali u Norazizah, imwieled Ipoh, il-Malasja, fis-26 ta' Lulju, 1993, mingħajr indirizz fiss f'Malta u detentur ta' passaport Malasjan bin-numru A62094781.

ORDNAT iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' SHAHRUL IDZWAN BIN MOHD ALI u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew xort'oħra jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluži, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

ARB/C074/2024 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 29th September, 2024, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Marse-Anne Farrugia, LLD). Compilation Number 770/2024, in the case:

The Police
(Inspector Jonathan Pace)

Versus

SHAHRUL IDZWAN BIN MOHD ALI, salesman, 31 years, son of Mohd Ali and Norazizah, born in Ipoh, Malaysia, on the 26th July, 1993, without a fixed address in Malta and holder of a Malaysian passport bearing number A62094781.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to SHAHRUL IDZWAN BIN MOHD ALI and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta and Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A u fl-Artikolu 36 tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf ewro (€12,000), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum l-1 ta' Ottubru, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A and Article 36 referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 1st October, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2236

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fit-12 ta' Ġunju, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 1148/18 fl-ismijiet Barry John Drake (30471A), flimkien ma' martu Carol Drake (31392A) għal kull interess li jista' jkollha, u permezz ta' digriet iddatat 2 ta' Diċembru, 2020, l-atti ġew trasfużi f'isem Carol Drake minħabba l-mewt ta' Barry John Drake, u Stephen Edward Callard, passaport Ingliż numru 108322055 vs Joseph Portelli (638648M) u Small Properties Limited (C29977), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Carol Drake u Stephen Edward Callard a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 1148/18 ippreżentat fl-14 ta' Frar, 2024, Joseph Portelli (638648M) ħass ruħu aggravat bis-sentenza tat-18 ta' Jannar, 2024, tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u qed jinterponi appell minnha quddiem din il-Qorti tal-Appell bl-aggravji li l-Prim'Awla tal-Qorti kellha tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-esponent appellant għar-raġunijiet ġja esposti tul it-trattazzjoni tal-kawża, fin-nota ta' sottomisjonijiet tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti u kif spjegat ulterjorment f'dan ir-rikors tal-appell.

Għaldaqstant, l-esponent appellant jitlob bir-rispett li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti tat-18 ta' Jannar, 2024, billi tirrevokha fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-esponent Joseph Portelli u fejn laqgħet it-talbiet tal-atturi appellati u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-esponent appellant u konsegwentement tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi appellati. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati.

Notifika: 1) Carol Drake (31392A) għal kull interess li jista' jkollha, u bħala suċċessur ta'Barry John Drake, 24 Triq Mannar, Ix-Xagħra, Għawdex

2) Stephen Edward Callard, passaport Ingliż numru 10832205524, Triq Mannar, Ix-Xagħra, Għawdex

By means of a decree delivered, by the Court of Appeal, Superior Jurisdiction, on the 12th June, 2024, in the records of Application number 1148/18 in the names Barry John Drake (30471A), together with his wife Carol Drake (31392A) for any interest she may have, and by a decree dated 2nd December, 2020, the acts of the proceedings were transferred onto the name of Carol Drake due to the death of Barry John Drake, and Stephen Edward Callard, English passport number 108322055 vs Joseph Portelli (638648M) and Small Properties Limited (C29977), the following publication was ordered to serve as a notification in regard to the said Carol Drake and Stephen Edward Callard pursuant to section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of Appeal No. 1148/18 filed on the 14th February, 2024, Joseph Portelli (638648M) felt aggrieved by the judgment dated 18th January, 2024, given by the First Hall of the Civil Court and is interposing an appeal from it before this Court of Appeal on the grounds that the first court ought to have upheld the appellant's pleas for the reasons already expressed during the hearing of the case, in the note of his submissions before the first court and as now further explained in this appeal.

Therefore, the appellant exponent respectfully requests that this Court reforms the judgment of the First Hall of the Civil Court of the 18th January, 2024, by revoking it where it dismissed the pleas of the exponent Joseph Portelli and where it upheld the claims of the plaintiff respondents and instead it upholds all the appellant exponent's pleas and consequently it dismisses all the plaintiff respondents' claims. With the costs of both instances against the plaintiff respondents.

Notification: 1) Carol Drake (31392A) for any interest she may have, and as successor to Barry John Drake, 24, Triq Mannar, Xagħra, Gozo

2) Stephen Edward Callard, English passport number 108322055, 24 Triq Mannar, Xagħra, Gozo

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 24 ta' Settembru, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Courts of Appeal (Superior), this day 24th September, 2024

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2237

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fid-9 ta' Settembru, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 610/15 fl-ismijiet George Borg et vs Bartholomeo Bonett et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Bartholomeo Bonett a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors numru 610/15 ippreżentat fil-25 ta' Ġunju, 2024 ir-rikorrenti George Borg et qegħdin jitolbu din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li l-konjuġi Bonett ma ottemprawx ruħhom ma' dak deċiż fis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-21 ta' Mejju, 2024, u konsegwentement li d-dritt ta' ritenzjoni eċċepit mill-konjuġi Bonett qed jiġi rriġettat;

Ttordna li t-talbiet kollha tal-esponenti, appellant fil-proċeduri odjerni, qed jiġu milqugħa b'seħħ immedjat u konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konjuġi Bonett qed jokkupaw u/jew jiddetjenu, l-appartament internament numerat tnejn (2) formanti parti mill-blokk ta' appartamenti bl-isem ta' 'Seagull Court', fi Triq San Ġwann Battista, San Pawl il-Baħar, mingħajr jedd u mingħajr titolu validu fil-liġi;

Tordna lill-konjuġi Bonett sabiex fi żmien qasir u perentorju jiżgombraw mill-appartament imsemmi;

Tordna li fl-eventwalità li l-konjuġi Bonett ma jiżgombrawx mill-appartament imsemmi fi żmien lilhom prefiss l-esponenti jkunu debitament awtorizzati jirriprendu l-pussess tal-istess fond u dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li jidrilha xieraq u opportuni din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjeż kontra l-konjuġi Bonett.

Notifika: Bartholomeo Bonett, Il-Girna, Triq Dun Karm, Birkirkara

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 24 ta' Settembru, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree delivered, by the Court of Appeal, Superior Jurisdiction, on the 9th September, 2024, in the records of the Application number 610/15 in the names George Borg et vs Bartholomeo Bonett et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Bartholomeo Bonett in terms of section 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In virtue of Application number 610/15 filed on the 25th June, 2024, the applicants George Borg et are asking this Honourable Court: to declare that the spouses Bonett did not abide by what had been decided in the judgment by this Honourable Court dated 21st May, 2024, and consequently the right of retention pleaded by the spouses Bonett is being rejected;

To order that all the exponent's claims, appellant in these present proceedings, are being upheld with immediate effect and consequently declare and decide that the spouses Bonett are occupying and/or holding the apartment internally numbered two (2) forming part of the block of apartments named 'Seagull Court', in Triq San Ġwann Battista, St Paul's Bay, without any right and without a valid title at Law;

To order the spouses Bonett so that within a short and peremptory period they vacate the apartment mentioned;

To order that in the event that the spouses Bonett do not vacate the apartment mentioned within the time fixed for them, the applicants shall be duly authorised to take back possession of the same premises and this under all those provisions that this Honourable Court deems fit and opportune with costs against the spouses Bonett.

Notify: Bartholomeo Bonett et, Il-Girna, Triq Dun Karm, Birkirkara

Registry of the Courts of Appeal (Superior jurisdiction), this day 24th September, 2024

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2238

B'digriet mogħti, mill-Qorti Kostituzzjonali, fit-2 ta' Settembru, 2024, fl-atti tar-Rikors tal-Appell numru 117/2021 fl-ismijiet Josephine Bonello (KI 683738M) et vs l-Avukat tal-Istat u Pauline Tonna (KI 740444M) u Joseph

By means of a decree delivered by the Constitutional Court, on the 2nd September, 2024, in the records of the Appeal Application number 117/2021 in the names Josephine Bonello (ID 683738M) et vs the State Advocate and Pauline

Fenech (KI 224151M) għal kull interess li jista' jkollu, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Pauline Tonna a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 117/2021 ippreżentat fil-5 ta' Diċembru, 2023, l-Avukat tal-Istat ħassu aggravat minn partijiet tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) mogħtija nhar is-16 ta' Novembru, 2023, fejn ikkundannatu jħallas total ta' €59,189 iżda biss f'dak li jirrigwarda l-ordni li d-danni nonpekunjarji formanti parti minn din is-somma għandhom ikunu fl-ammont ta' €17,000 u akkollatlu l-ispejjeż ġudizzjarji kollha, stante li l-kumpens nonpekunjarju kien wieħed eċċessiv kif spjegat fir-rikors u skont il-ġurisprudenza; similment għar-rigward tal-ispejjeż.

Għaldaqstant, l-esponent qed jitlob li din il-Qorti Kostituzzjonali jogħġobha tirriforma s-sentenza tas-16 ta' Novembru, 2023, imsemmija billi tħassarha, tirrevokaha u tannullaha fis-somma mogħtija u tordna kumpens nonpekunjarju konsiderevolment iktar baxx; tħassarha, tirrevokaha u tannullaha fil-parti fejn ikkundannat lill-esponent iħallas l-ispejjeż ġudizzjarji biex minflok jinqasmu kif spjegat fir-rikors tal-appell filwaqt li tikkonferma s-sentenza fil-bqija bl-ispejjeż taż-żewġ proċeduri jintrefgħu mir-rikorrenti appellati.

Ir-Rikors tal-Appell Kostituzzjonali fl-ismijiet Josephine Bonello et vs l-Avukat tal-Istat u Pauline Tonna u Joseph Fenech jinsab iddifferit għall-21 ta' Ottubru, fid-9.30 a.m.

Notifika: Pauline Tonna, Lady Flats, Flat 1, Triq Ross, San Ġiljan

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 24 ta' Settembru, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Tonna (ID 740444M) and Joseph Fenech (ID224151M) for any interest he might have, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Pauline Tonna in terms of section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In virtue of Appeal Application number 117/2021 filed on the 5th December, 2023, the State Advocate felt aggrieved by parts of the judgment of the First Hall of the Civil Court (Constitutional jurisdiction) delivered on the 16th November, 2023, ordering him to pay a total of €59,189 but only as regards the order that the non-pecuniary damages forming part of this sum shall be in the amount of €17,000 together with all the judicial expenses, since the non-pecuniary compensation was excessive as explained in the application and according to jurisprudence; similarly with regard to the costs.

Therefore, the exponent is asking this Constitutional Court to reform the judgement mentioned dated 16th November, 2023, by cancelling, revoking and annulling it in the sum granted and ordering a considerably lower non-pecuniary compensation; cancelling, revoking and annulling it in the part where it condemned the exponent to pay the judicial costs so that instead they be apportioned as explained in the appeal application whilst confirming the judgment as to the remainder with the costs of both procedures to be borne by the respondent applicants.

Constitutional Appeal Application in the names Josephine Bonello et vs the State Advocate and Pauline Tonna and Joseph Fenech has been deferred to the 21st October at 9.30 a.m.

Notification: Pauline Tonna, Lady Flats, Flat 1, Triq Ross, St Julian's

Registry of the Courts of Appeal (Superior jurisdiction), this day 24th September, 2024

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2239

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fis-17 ta' Settembru, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 175/2023 fl-ismijiet George Fenech vs Sylvana Tanti, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Sylvana Tanti a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 175/2023 ppreżentat fit-28 ta' Mejju, 2024, l-appellant George Fenech ħassu aggravat bis-sentenza deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Mejju, 2024, fl-ismijiet premessi abbażi ta' erba' aggravji kif deskritti fir-rikors tal-appell de quo.

By means of a decree delivered, by the Court of Appeal, Superior Jurisdiction, on the 17th September, 2024, in the records of the Application number 175/2023 in the names George Fenech vs Sylvana Tanti, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Sylvana Tanti in terms of section 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In virtue of Appeal Application number 175/2023 filed on the 28th May, 2024, the appellant George Fenech felt aggrieved by the judgment decided by the First Hall Civil Court on the 9th May, 2024, in the names premised on the basis of four grounds as detailed in the appeal application de quo.

Għaldaqstant, l-appellant qed jitlob bir-rispett li l-Onorabbi Qorti jogħġobha:

1. Tgħaddi sabiex tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fid-9 ta' Mejju, 2024, b'dan li tilqa' l-ewwel (1) talba tal-attur u tiddikjara illi fin-nuqqas ta' sentenza tal-Qorti li tkun tikkostitwixxi res judicata bejn il-partijiet u li eventwaliment jekk hekk ikun il-każ tikkundanna lir-rikorrenti George Fenech sabiex jiżgombra mill-fond bl-indirizz The Champs Patizzerija, 65, St George's Road, San Ġiljan, il-mandat in procintu bin-numru 78/2022/2JVC jew kwalsijasi mandat ieħor ma jistax jerġa' jiġi esegwit kontra r-rikorrenti fir-rigward tal-imsemmi fond;

2. Tilqa' t-tieni (2) aggravju tal-appellanti u kwindi tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza msemmija b'dan li tilqa' t-tieni (2) it-tielet (3) u r-raba' (4) talba tar-rikorrenti;

3. Tilqa' t-tielet (3) aggravju tal-appellanti u kwindi tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata msemmija u tgħaddi sabiex tilqa' l-ħames talba tar-rikorrenti u konsegwentement tordna t-tħassir, l-annulament u r-revoka tal-esekuzzjoni tal-mandat in procintu bin-numru 78/2022/2JVC fl-intier fil-konfront ta' George Fenech;

4. Tilqa' r-raba' (4) aggravju tal-appellanti u kwindi tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata msemmija inkwantu għall-Kap. tal-ispejjeż u sussegwentement tordna li l-ispejjeż taż-żewg istanzi għandhom ikunu a karigu tal-intimata appellata.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata.

Notifika: Sylvana Tanti, 21, Flat 1, Triq in-Nazzarenu, Il-Ħamrun

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 24 ta' Settembru, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Therefore, the appellant respectfully requests that this Honourable Court shall:

1. Cancel, revoke and annul the appealed judgment delivered by the Honourable First Court on the 9th May 2024 in such a manner as to uphold the first (1) claim by the plaintiff and declare that in the absence of a judgment by the Court which shall constitute a res judicata between the parties and which eventuality if this be the case condemn the applicant George Fenech to vacate the premises with the address Champs Patizzerija, 65, St George's Road, St Julian's, the warrant in procintu bearing number 78/2022/2JVC or any other warrant cannot be executed again against the applicant regarding the said premises;

2. Uphold the second (2) grievance of the appellants and thus cancel, revoke and annul the judgment mentioned by upholding the second (2) third (3) and fourth (4) claim by the applicants;

3. Uphold the third (3) grievance raised by the appellants and thus cancel, revoke and annul the appealed judgment mentioned and pass on to uphold the fifth claim by the applicants and consequently order the cancellation, annulment and revocation of the execution of the warrant in procintu with Number 78/2022/2JVC in its entirety against George Fenech;

4. Uphold the fourth (4) grievance of the appellant and thus cancel, revoke and annul the appealed judgment mentioned as regards the costs and subsequently order that the costs of both instances should be borne by the respondent.

With the costs of both instances against the respondent.

Notification: Sylvana Tanti, 21, Flat 1, Triq in-Nazzarenu, Ħamrun

Registry of the Superior Courts (Appeals), this day 24th September, 2024

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2240

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fit-13 ta' Frar, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 1120/2015 fl-ismijiet Joseph Aquilina vs Gzira Properties Ltd, Raymond Mifsud u Joan Fenech ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika ta' avviż tas-smigħ fil-konfront tal-imsemmija Raymond Mifsud u Joan Fenech a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By order of the Court of Appeal (Superior) given on 13th Februrary, 2024, in the records of Application number 1120/2015 in the names Joseph Aquilina vs Gzira Properties Ltd, Raymond Mifsud and Joan Fenech to serve as a notification of the notice of hearing in regard to the said Raymond Mifsud and Joan Fenech pursuant to section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Permezz tad-digriet tal-Qorti tal-Appell tat-13 ta' Frar, 2024, għar-rigward tal-Avviż ta' Smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri għal din il-kawża u billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet fuq msemmija, il-Qorti ffissat is-smigħ ta' din il-kawża għal nhar is-6 ta' Ġunju, 2024, u ddifferita għas-17 ta' Ottubru, 2024, fit-8.35 a.m.

Notifika: Raymond Mifsud, 1, Flat 3, Triq Miggiani, Il-Ħamrun
Joan Fenech, 8, Triq Anton Buttigieg, Il-Ħamrun

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum l-1 ta' Ottubru, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of the decree of the Court of Appeal of the 13th Februrary, 2024, regarding the Notice of hearing of a cause issued by the Registry Superior Courts for this cause and since the written procedures before the Court of Appeal in the cause in the names above mentioned have been closed, the Court fixed the hearing of this cause for the 6th June, 2024, and deferred to 17th October, 2027, at 8.35 a.m.

Notification: Raymond Mifsud, 1, Flat 3, Triq Miggiani, Ħamrun
Joan Fenech, 8, Triq Anton Buttigieg, Ħamrun

Registry of the Superior Courts (Appeals), this day 1st Ostober, 2024

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2241

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja fil-25 ta' Settembru, 2024 (Rikors numru 84/2024), rikors ta' Joseph Saliba et fejn intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Mariano Saliba, ġuvni, bin il-mejtin Carmel Saliba u Giorgia née Curmi, imwieled Ta' Sannat, Għawdex, fis-16 ta' Awwissu, 1945, u miet Ta' Sannat, Għawdex, fil-21 ta' Jannar, 2024, liema apertura ta' suċċessjoni għandha ssir a favur ta' ħutu Joseph Saliba, Maurice Saliba, Tarcisia Saliba, Mary Carmela Saliba u Anthony Saliba fi kwota ta' sesta parti (1/6) kull wieħed u ż-żewġ neputijiet, ulied il-mejta oħtu Josephine Attard u ċjoè Mary Buttigieg u George Attard fi kwota ta' dodiċeżima parti (1/12) kull wieħed, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, bix-xhieda ta' Dott. Brigitte Sultana, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum l-1 ta' Ottubru, 2024

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that by means of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the 25th of September, 2024 (Application number 84/2024) by Joseph Saliba et, the opening of the succession was requested of Mariano Saliba, bachelor, son of the late Carmel Saliba and Giorgia née Curmi, born in Ta' Sannat, Gozo, on the 16th of August, 1945, and died in Ta' Sannat, Gozo, on the 21st of January, 2024, which opening of succession shall be made in favour of his brothers and sisters Joseph Saliba, Maurice Saliba, Tarcisia Saliba, Mary Carmela Saliba and Anthony Saliba in the quota of sixth part (1/6) each and both nephews, children of his late sister Josephine Attard and namely Mary Buttigieg and George Attard in the quota of twelfth part (1/12) each, the issue of these bands was ordered to let know everyone who may have an interest therein.

Therefore, anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr Brigitte Sultana, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

Today the 1st of October, 2024

DANIEL SACCO
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

2242

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali, fid-19 ta' Ġunju, 2024, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali numru 610/2023HM, li ġie ppreżentat fis-7 ta' Diċembru, 2023, fl-ismijiet: Said Mario vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-Liġi. Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimati li huma inġunti għas-subizzjoni.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, Constitutional Jurisdiction, on the 19th June, 2024, in the records of Constitutional Application number 610/2023HM, which was filed on 7th December, 2023, in the names: Said Mario vs the State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondents. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondent State Advocate to pay the same compensation and liquidated damages in terms of Law. With costs and legal interest against the respondents who are summoned so that a reference to their evidence be made.

Ir-Rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-11 ta' Ottubru, 2024, fil-10.40 a.m.

The Constitutional Application in the names mentioned above is postponed to 11th October, 2024, at 10.40 a.m.

Notifika Intimat: Vassallo Alfred, 14, Flat 7, Triq San Tumas, Il-Furjana

Notify Respondent: Vassallo Alfred. 14, Flat 7, Triq San Tumas, Floriana

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Lulju, 2024

Registry of the Superior Courts, today 18th July, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2243

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-13 ta' Ġunju, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 242/2024DC, li ġie ppreżentat fl-4 ta' Marzu, 2024, fl-ismijiet: Laguna Property Development Limited et vs Spin Properties Limited ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna li fin-nuqqas, dawn ix-xogħlijiet isiru mis-soċjetajiet rikorrenti taħt is-superviżjoni ta' Perit nominat minn din l-Onorabbli Qorti. Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra s-soċjetà intimata, inġunta għas-subizzjoni.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 13th June, 2024, in the records of Sworn Application number 242/2024DC, which was filed on the 4th March, 2024, in the names: Laguna Property Development Limited et vs Spin Properties Limited the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondent. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Order that in default, these works be carried out by the applicant companies under the supervision of an Architect appointed by this Honourable Court. With all costs and legal interest against the respondent company, who is summoned so that a reference to its evidence be made.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-smigħ nhar il-15 ta' Ottubru, 2024, fid-9.00 a.m.

The Sworn Application in the names mentioned above is adjourned for hearing on the 15th October, 2024, at 9.00 a.m.

Notifika Intimat: Spin Properties Limited. Cathleya, Triq in-Narċis, Il-Madliena, Is-Swieqi

Notify Respondent: Spin Properties Limited. Cathleya, Triq in-Narċis, Madliena, Swieqi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' Settembru, 2024

Registry of the Superior Courts, today 12th September, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2244

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-4 ta' Settembru, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 13/2024TA, li ġie ppreżentat fl-10 ta' Jannar, 2024, fl-ismijiet: GasanMamo Insurance Limited vs Jankauskas Ernestas, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas is-somma hekk likwidata. Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax kontra l-intimat inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-16 ta' Ottubru, 2024, fid-9.30 a.m..

Notifika Intimat: Jankauskas Ernestas, 70, Adagio, Triq l-Għarbiel, Is-Swieqi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Settembru, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 4th September, 2024, in the records of Sworn Application number 13/2024TA, which was filed on the 10th January 2024 in the names: GasanMamo Insurance Limited vs Jankauskas Ernestas, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondent. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondent to pay the sum so liquidated. With all costs and interest against the respondent who is summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 16th October, 2024, at 9.30 a.m.

Notify Respondent: Jankauskas Ernestas, 70, Adagio, Triq l-Għarbiel, Swieqi

Registry of the Superior Courts, today 23rd September, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2245

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fit-2 ta' Settembru, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 373/22 fl-ismijiet Mark Portelli (KI 535880M) vs Dott. Frank Portelli (KI 514744 M), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-imsemmi Mark Portelli a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Risposta tal-Appell u Appell Inċidentali fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 373/2022 fl-ismijiet premessi, ippreżentata fit-22 ta' Lulju, 2024, Dott. Frank Portelli (KI 514744 M), filwaqt li jitlob li l-appell tal-attur Mark Portelli intavolat fl-14 ta' Ġunju, 2024, mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Mejju, 2024, jiġi kompletament miċħud bl-ispejjeż kontra tiegħu l-esponent Dott. Frank Portelli jixtieq jinqeda bl-appell tal-attur biex iressaq l-appell inċidentali tiegħu mis-sentenza msemmija tal-Prim'Awla tal-Qorti tas-27 ta' Mejju, 2024, fil-kawża fl-ismijiet premessi fuq il-bażi ta' żewġ aggravji.

Għaldaqstant, l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' l-appell inċidentali tal-esponenti, u konsegwentement tbiddel is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Mejju, 2024, fl-ismijiet premessi fis-sens illi tħassarha fejn ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-esponenti u fejn allokat l-ispejjeż ta' dawk

By means of a decree delivered, by the Court of Appeal, Superior Jurisdiction, on the 2nd September, 2024, in the records of the Sworn Application Number 373/22 in the names Mark Portelli (ID 535880M) vs Dr Frank Portelli (ID 514744 M), the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the said Mark Portelli in terms of section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of the Reply and the Incidental Appeal in the records of Sworn Application number 373/2022 in the names premised, filed on the 22nd July, 2024, Dr Frank Portelli (ID 514744 M) whilst requesting that the plaintiff's appeal, filed by Mark Portelli on the 14th June, 2024, against the judgment of the First Hall Civil Court dated 27th May, 2024, be completely dismissed with costs against him and furthermore the exponent Dr Frank Portelli wishes to avail himself of the plaintiff's appeal to bring forward his cross-appeal against the said judgment of the First Hall Civil Court of the 27th May, 2024, in the cause in the names premised on the basis of two grievances.

Therefore, the exponent humbly requests that this Honourable Court upholds the exponent's cross-appeal, and consequently alters the judgment of the First Hall Civil Court dated 27th May, 2024, in the names premised in the sense that it annuls it where it rejected the first two pleas by the exponent and where it allocated the costs of those

iż-żewġ eċċezzjonijiet lill-esponenti, u minflok tilqa' dawk l-eċċezzjonijiet bl-ispejjeż kontra l-attur, u tikkonfermaha fil-bqija tagħha, u dan bl-ispejjeż taż-żewg istanzi a karigu tal-intimat.

Notifika: Mark Portelli, 20, Cloisters Walk, Block 8, Flat 1, Carmel Street, San Ġiljan

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum l-1 ta' Ottubru, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

two pleas to the exponent, and instead uphold those pleas with costs against the plaintiff, and confirm it as to the rest, and this with costs of both instances at the expense of the respondent.

Notification: Mark Portelli, 20, Cloisters Walk, Block 8, Flat 1, Carmel Street, St Julian's

Registry of the Courts of Appeal (Superior Jurisdiction), this day, 1st October, 2024

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2246

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fit-23 ta' Lulju, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 188/24 fl-ismijiet Michael Cacciattolo (KI 88060M) vs OZO Services Limited (C94420), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Michael Cacciattolo a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 47/2024 ippreżentat fit-3 ta' Ġunju, 2024, fl-ismijiet premessi, is-soċjetà appellanti OZO Services Limited ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali bin-numru 2994 tal-21 ta' Mejju, 2024, permezz ta' liema t-Tribunal iddeċieda li r-rikorrenti ma kellux smigħ xieraq b'konsegwenza li ġie miksur id-dritt fundamentali tiegħu tal-ġustizzja naturali u għaldaqstant it-terminazzjoni tal-impjieg kienet inġusta u saret bi ksur tal-liġi. Is-soċjetà appellanti hi aggravata billi:

1. Id-Deċiżjoni mhix ben motivata għaliex m'hemmx ness bejn il-konsiderazzjonijiet u d-decide;

2. Il-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal huma żbaljati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt;

3. Id-deċiżjoni hija extra petita kif ukoll teżorbita l-kompetenza tal-istess Tribunal.

Għaldaqstant, is-soċjetà appellanti tilob lil din l-Onorabbli Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella d-Deċiżjoni filwaqt li tilqa' dan l-appell u l-aggravji hawn imressqa, b'dan illi tikkonferma li d-deċiżjoni li wasslet għat-terminazzjoni tal-impjieg kienet waħda ġusta u skont il-liġi.

Ir-Rikors tal-Appell numru 188/24 fl-ismijiet Michael Cacciattolo (KI 88060M) vs OZO Services Limited (C94420) jinsab iddiferit għal nhar l-Erbgħa, 23 ta' Ottubru 2024, fid-9.20 a.m.

By means of a decree delivered, by the Court of Appeal, Inferior Jurisdiction, on the 23rd July, 2024, in the records of the Application number 188/24 in the names Michael Cacciattolo (ID 88060M) vs OZO Services Limited (C94420), the following publication was ordered for the purpose of service of Michael Cacciattolo in terms of section 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In virtue of Appeal Application number 47/2024 filed on the 3rd June, 2024, in the names premised, the appellant company OZO Services Limited felt aggrieved by the decision of the Industrial Tribunal number 2994 dated 21st May, 2024, by means of which the Tribunal decided that the applicant did not receive a fair hearing as a consequence of which the fundamental right to natural justice was violated and thus the termination of employment was unfair and was committed in breach of the law. The appellant company is aggrieved since:

1. The Decision is not well motivated because there is no link between the considerations and the decide;

2. The Tribunal's findings are erroneous both in fact and in law;

3. The decision is extra petita and also exceeds the competence of the same Tribunal.

Therefore, the appellant company requests this Honourable Court to cancel, revoke and cancel the mentioned Decision whilst upholding this appeal and the submitted grounds of appeal, in such a manner as to confirm that the decision which led to the termination of the employment was just and according to law.

Application of Appeal No 188/24 in the names Michael Cacciattolo (ID 88060M) vs OZO Services Limited (C94420) is deferred to Wednesday, 23rd October, 2024, at 9.20 a.m.

Notifika: 13, Block 1, Flat 2, Triq San Ġwann, Il-Belt Valletta

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Inferjuri), illum l-1 ta' Ottubru, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification: 13, Block 1, Flat 2, Triq San Ġwann, Valletta

Registry of the Courts of Appeal (Inferior Jurisdiction), this day 1st October, 2024

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2247

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fit-8 ta' Awwissu, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 246/2017 fl-ismijiet Jason Galea vs Silvio Borg, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Jason Galea a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 246/2017 ippreżentat fl-1 ta' Lulju, 2024, l-appellant Silvio Borg (ID 466565M) ħassu aggravat bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) deċiża fl-10 ta' Ġunju, 2024, abbażi tal-fatti li:

1. L-ebda ammont ma hu dovut mill-appellant;

2. Il-pożizzjoni tal-attur hija waħda kontradittorja u mhux kredibbli;

3. L-Ewwel Onorabbli Qorti fid-decide tagħha marret oltre minn dak mitlub fir-rikors promotur, għalhekk is-sentenza hija nulla.

Għaldaqstant, l-appellant qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-10 ta' Ġunju, 2024, fl-ismijiet premessi u minflok taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut appellant. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

Ir-Rikors tal-Appell numru 246/2017 fl-ismijiet Jason Galea vs Silvio Borg jinsab iddifferit għal nhar it-30 ta' Ottubru, 2024, fil-11.20 a.m.

Notifika: Jason Galea, 9, Bienvenidos, Triq il-Bizzilla, Ħal Għaxaq

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Inferjuri), illum l-1 ta' Ottubru, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree delivered, by the Court of Appeal, Inferior Jurisdiction, on the 8th August, 2024, in the records of the Application number 246/2017 in the names Jason Galea vs Silvio Borg, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Jason Galea in terms of section 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In virtue of Appeal Application number 246/2017 filed on the 1st July, 2024, the appellant Silvio Borg (ID 466565M) felt aggrieved by the judgment of the Court of Magistrates (Malta) decided on the 10th June 2024 on the basis of the facts that:

1. No amount is due by the appellant;

2. The position of the claimant is contradictory and not credible;

3. The Honourable Court of First Instance in its decision went beyond what was requested in the original application, thus the judgment is null.

Therefore, the appellant is asking this Honourable Court to cancel and revoke this decision dated 10th June, 2024, in the premised names and instead decide the cause by dismissing the plaintiff's demands and upholding the pleas of the defendant appellant. With costs of both instances against the respondent.

Application of Appeal number 246/2017 in the names Jason Galea vs Silvio Borg has been deferred to the 30th October, 2024, at 11.20 a.m.

Notification: Jason Galea, 9, Bienvenidos, Triq il-Bizzilla, Ħal Għaxaq

Registry of the Courts of Appeal (Inferior Jurisdiction), this day 1st October 2024

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2248

B'digriet mogħti, mill-Qorti Kostituzzjonali, fis-17 ta' Settembru, 2024, fl-atti tar-Rikors Numru 62/2023 fl-

By means of a decree delivered, by the Constitutional Court, on the 17th September, 2024, in the records of the

ismijiet Philip Caruana (KI 856838M) u Catherine Caruana (KI 0056446M) vs in-Nutar Dott. Carmel Martinelli (KI 587157M) u l-Avukat tal-Istat, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Dott. Carmel Martinelli a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell Kostituzzjonali numru 62/2023 ippreżentat fit-28 ta' Mejju, 2024, l-appellanti Philip Caruana u Catherine Caruana ħassewhom aggravati bis-sentenza tat-8 ta' Mejju, 2024, tal-Ewwel Onorabbli Qorti li minkejja li laqgħet xi talbiet attriċi, dawn it-talbiet intlaqgħu limitatament sal-kwoti li kellhom ir-rikorrenti. Oltre minn hekk, l-Ewwel Onorabbli Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni talt-tielet talba u qieset li r-rikorrenti għandhom rimedju effettiv quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera. Illi l-aggravji huma ċar u manifest għaliex:

1. permezz tal-att ta' diviżjoni msemmi fir-rikors tal-appell ġew diviżi bejn il-partijiet mhux biss il-proprjetajiet, iżda d-drittijiet u obbligi kollha relattivi ma' dawn il-proprjetajiet;

2. L-Ewwel Onorabbli Qorti ma segwitx id-dettami tal-ġurisprudenza deċiża mill-Qorti ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, u ta' din il-Qorti Kostituzzjonali u llikwidat ammont li ma jirriflettix t-telf reali tal-appellanti;

3. Ma jreġix l-argument li l-appellant damu snin, għalkemm ma tapplika l-ebda preskrizzjoni, biex jintentaw l-azzjoni tagħhom u għall-kumpens tad-drittijiet leżi;

4. Żbaljat l-Ewwel Qorti meta astenjiet milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba.

Għaldaqstant, l-appellanti qegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali sabiex tirriforma s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti (Sede Kostituzzjonali), fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi tikkonfermaha inkwantu ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat tal-lstat u tal-intimat Martinelli, u tikkonfermaha wkoll fejn laqgħat it-talbiet attriċi, b'dan illi għandha tirriformaha inkwantu għal-likwidazzjoni tad-danni oltre danni pekunjarji u għandha tikkundanna lill-istess Avukat tal-Istat iħallas dan l-ammont hekk likwidat u għandha tordna li l-intimat ma għandux dritt jibqa' jistrieħ fuq il-liġijiet inkwistjoni.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat Avukat tal-lstat.

Ir-Rikors tal-Appell Kostituzzjonali numru 62/2023 fl-ismijiet Philip Caruana u Catherine Caruana vs in-Nutar

Application number 62/2023 in the names Philip Caruana (ID 856838M) and Catherine Caruana (ID 0056446M) vs Notary Dr Carmel Martinelli (ID587157M) and the State Advocate, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Dr Carmel Martinelli in terms of section 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In virtue of Constitutional Appeal Application number 62/2023 filed on the 28th May, 2024, the appellants Philip Caruana and Catherine Caruana felt aggrieved by the judgment of the 8th May, 2024, delivered by the Honourable First Court in that although it upheld some of the plaintiffs' claims, these claims were upheld limitedly up to the quotas that the applicants owned. Furthermore, the Honourable First Court abstained from taking cognizance of the third claim and considered that the applicants have an effective remedy before the Rent Regulation Board. These grievances are clear and manifest because:

1. by means of the deed of partition mentioned in the application of appeal there were divided between the parties not only the properties, but all the rights and obligations relative to these properties;

2. The Honourable First Court did not follow the jurisprudential precepts enunciated by the European Court of Human Fundamental Rights, and by this Constitutional Court and liquidated an amount which does not reflect the appellants' actual loss;

3. The argument that the appellants took years to bring their action, with prescription not being applicable, and to ask for compensation for violation of their rights does not hold water;

4. The First Court erred in abstaining from taking cognizance of the third claim.

Therefore, the appellants are asking this Honourable Constitutional Court to reform the judgment delivered by the First Hall Civil Court (Constitutional jurisdiction), in the cause in the names premised, by confirming it in so far as it dismissed the pleas of the respondent State Advocate and the respondent Martinelli, and to confirm it also where it upheld the plaintiff's demands, in such a manner as to alter it as regards the liquidation of damages besides pecuniary damages and should therefore condemn the same State Advocate to pay this amount so liquidated and it should order that the respondent does not have the right to continue to rely on the laws in question.

With costs of both instances against the respondent State Advocate.

Constitutional Appeal Application number 62/2023 in the names Philip Caruana and Catherine Caruana vs Notary

Dott. Carmel Martinelli (KI 587157M) u l-Avukat tal-Istat jinsab iddifferit għall-4 ta' Novembru, 2024, fit-8.35 a.m.

Notifika: In-Nutar Dott. Carmel Martinelli, 21, St Anthony Street, Ħaż-Żebbuġ

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum l-1 ta' Ottubru, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Dr Carmel Martinelli (ID 587157M) and the State Advocate has been postponed for hearing to the 4th November, 2024, at 8.35 a.m.

Notification: Notary Dr Carmel Martinelli, 21, St Anthony Street, Ħaż-Żebbuġ

Registry of the Courts of Appeal (Superior Jurisdiction), this day 1st October, 2024

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2249

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-30 ta' Lulju, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 25/2024 fl-ismijiet Louise-Marie Siracusa xebba Muscat Doublesin (ID 443679M) vs Juan Pablo Siracusa (288878M)) ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-imsemmi Juan Pablo Siracusa, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi ż-żwieġ bejn il-partijiet iċċelebrat fit-3 ta' Novembru, 2007, ġie ddikjarat null b'sentenza mogħtija mit-Tribunal Metropolitan ta' Malta fit-28 ta' Novembru, 2023, liema Tribunal irrendiha eżekuttiva permezz ta' digriet ta' eżekuttività tal-10 ta' Jannar, 2024.

Għaldaqstant, l-esponenti jitlob bi-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tiddikjara s-sentenza msemmija tat-28 ta' Novembru, 2023, għandha tkun rrikonoxxuta daqslikieku hi sentenza mogħtija minn Qorti Maltija u li saret res judicata; tordna r-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni tan-nullità taż-żwieġ tagħha mal-intimat fuq indikat, mogħtija kif imsemmi mit-Tribunal Metropolitan ta' Malta u skont il-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta u tagħti kull provvediment xieraq u opportun li jidhrilha din il-Qorti.

Notifika: Juan Pablo Siracusa, 86, Nova, Triq il-Karmelitani, Santa Venera SVR 1724

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum l-1 ta' Ottubru, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree delivered by the Court of Appeal (Superior Jurisdiction) on the 30th July, 2024, in the records of the Application Number 25/2024 in the names Louise-Marie Siracusa née Muscat Doublesin (ID 443679M) vs Juan Pablo Siracusa (ID 288878M)) the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the said Juan Pablo Siracusa, in terms of section 187(3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Whereas the marriage between the parties celebrated on the 3rd November, 2007, was declared null by a judgment delivered by the Metropolitan Tribunal of Malta on the 28th November, 2023, which Tribunal rendered it executable by means of a decree of executability dated the 10th January, 2024.

Therefore, the applicant respectfully requests this Honourable Court to declare that the judgment aforementioned of the 28th November, 2023, should be recognised as if it were a judgment delivered by a Maltese Court and which has become res judicata; order the registration of the decision of nullity of her marriage with the respondent above indicated, given as mentioned by the Metropolitan Tribunal of Malta and according to Cap. 255 of the Laws of Malta and to give every appropriate and opportune provision that this Court deems fit.

Notification: Juan Pablo Siracusa, 86, Nova, Triq il-Karmelitani, Santa Venera SVR 1724

Registry of the Superior Courts (Appeals), this day 1st October, 2024

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2250

B'digriet mogħti, mill-Qorti Kostituzzjonali, fit-13 ta' Mejju, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 320/2022, fl-ismijiet Etienne Cachia (KI 494876M) u Josephine Cachia (KI

By means of a decree delivered, by the Constitutional Court, on the 13th May, 2024, in the records of the Application Number 320/2022 in the names Etienne Cachia

169527M) vs l-Avukat tal-lstat u l-Federazzjoni Klabbs tal-Boċċi (VO/1921), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-Federazzjoni Klabbs tal-Boċċi a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell Kostituzzjonali ppreżentat fit-18 ta' Marzu, 2024, l-appellanti Etienne Cachia u Josephine Cachia ħassewhom aggravati bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti (Sede Kostituzzjonali) tat-28 ta' Frar, 2024 abbażi ta' żewġ aggravji:

1. Għar-rigward tal-ammont illikwidat mill-Ewwel Qorti fit-tielet parti tas-sentenza; u

2. Għar-rigward tal-iżgumbrament tal-Federazzjoni Intimata u/jew dikjarazzjoni li l-intimata ma tistax tibqa' tagħmel użu mil-liġi.

Għaldaqstant, l-appellanti jitolbu lill-din l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali sabiex tirriforma s- sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti (Sede Kostituzzjonali) tat-28 ta' Frar, 2024, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u dan billi tikkonfermha inkwantu ddikjarat ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ewropea, u tikkonfermaha wkoll fejn laqgħet it-talbiet attriċi, u tirriformaha inkwantu ċaħdet t-tieni talba attriċi u inkwantu llikwidat id-danni pekunjarji u nonpekunjarju u minflok taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tillikwida I-kumpens ossija danni kemm pekunjarji kif ukoll nonpekunjarji fl-ammont ta' €83,384 u/jew somma oħra verjuri kif ukoll tilqa' t-tieni talba attriċi u tiddikjara illi l-Federazzjoni intimata ma tistax tibqa' tagħmel użu mil-liġi u/jew tordna l-iżgumbrament tal-intimata mill-fond.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati.

Ir-Rikors tal-Appell Kostituzzjonali numru 320/2022 fl-ismijiet Etienne Cachia (KI 494876M) u Josephine Cachia (KI 169527M) vs l-Avukat tal-Istat u l-Federazzjoni Klabbs tal-Boċċi jinsab iddifferit għall-4 ta' Novembru, 2024, fid-9.30 a.m.

Notifika: Federezzjoni Klabbs tal-Boċċi, 140, Sisters Street, Ħal Tarxien

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Kostituzzjonali), illum l-1 ta' Ottubru, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

(ID 494876M) and Josephine Cachia (ID 169527M) vs The State Advocate and The Federazzjoni Klabbs tal-Boċċi (VO/1921), the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the Federazzjoni Klabbs tal-Boċċi in terms of section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In virtue of Constitutional Appeal Application filed on the 18th March, 2024, the appellants Etienne Cachia and Josephine Cachia were aggrieved by the judgment of the First Hall Civil Court (Constitutional jurisdiction) dated the 28th February, 2024, on two grounds:

1. As regards the amount liquidated by the Court of First Instance in the third part of the judgment; and

2. As regards the eviction of the respondent Federation and/or a declaration that the respondent can no longer make use of the law.

Therefore, the appellants request this Honourable Constitutional Court to reform the judgment given by the First Hall Civil Court (Constitutional jurisdiction) dated the 28th February, 2024, in the cause in the names premised, and this by confirming it in so far as it declared a violation of the First Article of the First Protocol of the European Convention, and confirming it also where it upheld the plaintiffs' claims, and reforming it in so far as it dismissed the second claim by the plaintiff and in so far as it liquidated the damages pecuniary and non-pecuniary and instead decide the cause by liquidating the compensation that is damages both pecuniary and non-pecuniary in the amount of €83,384 and/or other proper sum as well as to uphold the second claim by the plaintiff and declare that the respondent Federation can no longer make use of the law and/or order the eviction of the respondent from the premises.

With the costs of both instances against the respondents.

Constitutional Appeal Application number 320/2022 in the names Etienne Cachia (ID 494876M) and Josephine Cachia (ID 169527M) vs the State Advocate and the Federazzjoni Klabbs tal-Boċċi is deferred to the 4th November, 2024, at 9.30 a.m.

Notification: Federazzjoni Klabbs tal-Boċċi, 140, Sisters Street, Ħal Tarxien

Registry of the Courts of Appeal (Constitutional), this day 1st October, 2024

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2251

B'digriet tas-27 ta' Settembru, 2024, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-

By a decree given on the 27th September, 2024, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract

pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'rikors preżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-12 ta' Ġunju, 2024, minn 35°14° Capital SCC plc bin-numru tar-reġistrazzjoni C105417 tagixxi għan-nom ta' Cell Couros, Subbasta bin-numru 37/24 fl-ismijiet 35°14° Capital SCC plc (C105417) vs Carlos Aquilina (KI 500498M) qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

L-apartament internament immarkat bin-numru wieħed (1) li jifforma parti minn blokk ta' bini li jikkonsisti f'żewġ (2) garaxxijiet semi basement, maisonette, żewġ (2) appartamenti u kmamar tal-ħasil, liema blokk huwa nnumerat ħamsa u tmeini (85) fi Triq il-Karmnu (Carmel Street), kantuniera ma' Triq Titu Brandsma, Il-Fgura.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Carlos Aquilina (KI 500498M).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 2 ta' Ottubru, 2024

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall on the 12th June 2024 by 35°14° Capital SCC plc with registration number C105417 acting on behalf of Cell Couros, Judicial Sale file number 37/24 in the names 35°14° Capital SCC plc C105417 vs Carlos Aquilina (ID 500498M) being asked that the Court orders the sale by auction of:

The apartment internally marked number one (1) which forms part from a building block consisting of two (2) semi basement garages, maisonette, two (2) apartments and washrooms, which block is numbered eighty-five (85) in Triq il-Karmnu (Carmel Street) corner with Triq Titu Brandsma, Fgura.

The said tenement is the property of Carlos Aquilina (ID 500498M).

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 2nd October, 2024

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2252

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-19 ta' Settembru, 2024, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt u dan ai termini tal-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fid-19 ta' Settembru, 2024, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lill-persuni mhux magħrufa intitolati sabiex jirċievu ċ-ċens hawn taħt indikat, fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u fidi ta' ċens, liema ċedola ġġib in-numru 331/2024 fl-ismijiet 'Alex Cassar et vs Kuratur Deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lill-persuni mhux magħrufa intitolati sabiex jirċievu ċ-ċens indikat fl-istess ċedola ippreżentata fil-11 ta' Settembru, 2024, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-atti l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

Il-proprjetajiet immobbli oġġett ta' din iċ-ċedola huma:

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree given on the 19th of September, 2024, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below in terms of article 931 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By decree given on the 19th of September, 2024, it was ordered that a deputy curator be chosen according to the law to represent the unknown persons entitled to receive the ground rent indicated below, in the acts of the schedule of deposit and redemption of ground rent, which schedule of deposit bears the number 331/2024 in the names 'Alex Cassar et vs Deputy Curator according to the law to represent the unknown persons entitled to receive the ground rent indicated below, in the same schedule of deposit filed on the 11th of September, 2024, in the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, and in all other relative and subsequent acts.

The immovable properties object of this schedule of deposit are:

Illi fl-ewwel lok, l-esponenti Alex u Teresina konjuġi Cassar huma proprjetarji tas-segwenti:

1. Ta' porzjon diviż mill-art magħrufa bħala 'Iċ-Ċens' sive 'Ta' Għajn Ħozna', fi Triq Ta' Gorg, fil-limiti tax-Xagħra, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka mija u sbatax-il metru kwadru (117m.k.) iżda bil-kejl kollu li fih u ċjoè dak il-porzjon indikat bl-ittra 'E' u kif inhu delineat fuq il-pjanta u s-site plan annessa maċ-ċedola u mmarkata bħala Dok. 'A'. Liema porzjon raba' huwa konfinanti mill-Punent ma' beni tal-werrieta ta' Peter Paul Tabone, mil-Lvant ma' beni ta' Angela Grech u mit-Tramuntana ma' beni tal-werrieta ta' Carmelo Sultana jew irjieħ verjuri jew aktar korretti. L-istess porzjon art huwa suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' tlieta u ħamsin ċenteżmu tal-lira Maltija (Lm0.53c) imsemmi fil-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dott. Francesco Refalo tat-tnejn (2) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u ħamsin (1950) ekwivalenti għal ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu tal-ewro (€1.24) fis-sena, altrimenti liberu u frank u ħieles minn kull ċens jew piż ieħor. Liema proprjetà l-istess Alex Cassar u Teresina Cassar akkwistaw in forza ta' kuntratt redatt fl-atti tan-Nutar Dott. Maria Grima datat sitta (6) ta' Settembru, 2017.

2. Ta' porzjon diviż mill-art magħrufa bħala 'Iċ-Ċens' sive 'Ta' Għajn Ħonża', fi Triq Ta' Gorg, fil-limiti tax-Xagħra, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka mija u sbatax-il metru kwadru (117m.k.) iżda bil-kejl kollu li fih u ċjoè dik l-porzjon indikat bl-ittra 'F' u kif inhu delineat fuq il-pjanta u s-site plan annessa maċ-ċedola u mmarkata bħala Dok. 'A'. Liema porzjon raba' huwa konfinanti mil-Lvant ma' beni ta' Antonia Kiss, mill-Punent ma' beni ta' Carmelo Tabone u mit-Tramuntana ma' beni tal-werrieta ta' Carmelo Sultana jew irjieħ verjuri jew aktar korretti. L-istess porzjon art huwa suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' tlieta u ħamsin ċenteżmu tal-lira Maltija (Lm0.53c) imsemmi fil-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dott. Francesco Refalo tat-tnejn (2) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u ħamsin (1950) ekwivalenti għal ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu tal-ewro (€1.24) fis-sena, altrimenti liberu u frank u ħieles minn kull ċens jew piż ieħor. Liema proprjetà l-istess Alex Cassar u Teresina Cassar akkwistaw in forza ta' kuntratt redatt fl-atti tan-Nutar Dott. Maria Grima datat sitta (6) ta' Settembru, 2017.

3. Ta' porzjon diviż mill-art magħrufa bħala 'Iċ-Ċens' sive 'Ta' Għajn Ħozna', fi Triq Ta' Gorg, fil-limiti tax-Xagħra, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka mija u sbatax-il metru kwadru (117m.k.) iżda bil-kejl kollu li fih u ċjoè dak il-porzjon indikat bl-ittra 'D' u kif inhu delineat fuq il-pjanta u s-site plan annessa maċ-ċedola u mmarkat bħala Dok. 'A'. Liema porzjon raba' huwa konfinanti mil-lvant ma' beni ta' Carmelo Tabone, mill-punent ma' beni ta' Maria Saliba u mit-tramuntana mal-beni tal-werrieta ta' Carmelo

Whereas, in the first place, applicants Alex and Teresina spouse Cassar are owners of the following:

1. A portion of land known as 'Iċ-Ċens' sive 'Ta' Għajn Ħożna', in Triq ta Gorg, within the limits of Xagħra, Gozo, measuring circa one hundred and seventeen square metres (117m2) but with all the area it comprises and including that portion indicated by the letter 'E' and as outlined on the plan and the site plan attached to the schedule of deposit and marked as Doc. 'A'. Which portion of land is bounded on the west by property of the heirs of Peter Paul Tabone, on the east by property of Angela Grech and on the north by property of the heirs of Carmelo Sultana or truer or more correct boundaries. The same portion of land is subject to the annual and perpetual ground rent of fifty-three cents of the Maltese lira (Lm0.53c) mentioned in the deeds in the records of Notary Dr Francesco Refalo of the second (2nd) of November of the year one thousand nine hundred and fifty (1950) equivalent to one euro and twenty-four euro cents (€1.24) per annum, otherwise free and unencumbered from any other ground rent or burden. Which property the same Alex Cassar and Teresina Cassar acquired in virtue of a deed drawn up in the records of Notary Dr Maria Grima dated sixth (6th) of September, 2017.

2. A portion land known as 'Iċ-Ċens' sive 'Ta' Għajn Ħonża', in Triq Ta' Gorg, within the limits of Xagħra, Gozo, measuring approximately one hundred and seventeen square metre (117m2) but with all its area and including that portion indicated by the letter 'F' and as it is marked on the plan and the site plan attached to the schedule of deposit and marked as Doc. 'A'. Which portion is bordered from the east by property of Antonia Kiss, from the west by property of Carmelo Tabone and from the north by property of the heirs of Carmelo Sultana or true or more correct boundaries. The same portion of land is subject to the annual and perpetual ground rent of fifty three cents of the Maltese lira (Lm0.53c) mentioned in the deeds in the acts of the Notary Dr Francesco Refalo of the second (2nd) of November of the year one thousand nine hundred and fifty (1950) equivalent to one euro and twenty-four cents of the euro (€1.24) per annum, otherwise free and unencumbered from any other ground rent or burden, which property the same Alex Cassar and Teresina Cassar acquired by virtue of a deed drawn up in the acts of the Notary Dr Maria Grima dated sixth (6th) of September, 2017.

3. A portion of land known as 'Iċ-Ċens' sive 'Ta' Għajn Ħożna', in Triq Ta' Gorg, within the limits of Xagħra, Gozo, measuring circa one hundred and seventeen square metre (117m2) but with all the area it has, and including that portion indicated by the letter 'D' and as it is marked on the plan and site plan attached to the schedule of deposit and marked as Doc. 'A'. Which portion of land is bordered from the east by property of Carmelo Tabone, from the west by property of Maria Saliba and from the north by

Sultana jew irjieħ verjuri jew aktar korretti. L-istess porzjon art huwa suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' tlieta u ħamsin ċenteżmi tal-lira Maltija (Lm0.53c) imsemmi fil-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dott. Francesco Refalo tat-tnejn (2) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u ħamsin (1950) ekwivalenti għal ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu tal-ewro (€1.24) fis-sena, altrimenti libera u frank u ħielsa minn kull ċens jew piż ieħor. Liema proprjetà l-istess Alex Cassar u Teresina Cassar akkwistaw in forza ta' kuntratt redatt fl-atti tan-Nutar Dott. Maria Grima datat sitta (6) ta' Settembru, 2017.

4. Ta' porzjon diviż mill-art magħrufa bħala 'Iċ-Ċens' sive 'Ta' Għajn Ħożna', fi Triq Ta' Gorg, fil-limiti tax-Xagħra, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka mija u sbatax-il metru kwadru (117m.k.) iżda bil-kejl kollu li fih u ċjoè dak l-porzjon indikat bl-ittra 'G' u kif inhu delineat fuq il-pjanta u s-site plan annessa maċ-ċedola u mmarkata bħala Dok. 'A'. Liema porzjon raba' huwa konfinanti mit-tramuntana ma' beni tal-werrieta ta' Carmelo Sultana, mil-lvant ma' sies, u mill-punent illum ma' beni ta' Alex Cassar u Teresina Cassar jew irjieħ verjuri jew aktar korretti. L-istess porzjon art huwa suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' tlieta u ħamsin ċenteżmu tal-lira Maltija (Lm0.53c) imsemmi fil-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dott. Francesco Refalo tat-tnejn (2) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u ħamsin (1950) ekwivalenti għal ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu tal-ewro (€1.24) fis-sena, altrimenti liberu u frank u ħieles minn kull ċens jew piż ieħor. Liema proprjetà l-istess Alex Cassar u Teresina Cassar akkwistaw in forza ta' kuntratt redatt fl-atti tan-Nutar Dott. Maria Grima datat tmienja (8) ta' Settembru, 2017.

Illi dawn il-proprjetajiet kienu akkwistati mill-esponenti kif fuq indikat;

Illi l-esponenti jixtiequ jifdu dan iċ-ċens fl-intier tiegħu u għalhekk qiegħed jiġi ppreżentat dan ir-rikors, u huma ma jafux lil min suppost jitħallas dan iċ-ċens;

Illi l-ammont taċ-ċens gravanti kull porzjon huwa ta' tlieta u ħamsin ċenteżmu tal-lira Maltija (Lm0.53c) imsemmi fil-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dott. Francesco Refalo tat-tnejn (2) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u ħamsin (1950) ekwivalenti għal ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu tal-ewro (€1.24) fis-sena gravanti kull waħda mill-porzjonijiet art fuq elenkata. B'hekk l-ammont komplessiv fuq l-proprjetajiet kollha indikat ta' kull sena jammonta għal erba' ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€4.96);

Illi fl-ewwel lok, l-esponenti għal kull bon fini jeħtieġu jiddepożitaw ukoll l-arretrati tal-aħħar ħames snin ċens fuq il-proprjetajiet kollha fuq indikata u dan għalhekk jammonta għal erbgħa u għoxrin ewro u tmenin ċenteżmu (€24.80);

property of the heirs of Carmelo Sultana or true or more correct boundaries. The same portion of land is subject to the annual and perpetual ground rent of fifty three cents of the Maltese lira (Lm0.53c) mentioned in the deeds in the acts of the Notary Dr Francesco Refalo of the second (2nd) of November of the year one thousand nine hundred and fifty (1950) equivalent to one euro and twenty-four cents of the euro (€1.24) each year, otherwise free and unencumbered from any other ground rent or burden, which property the said Alex Cassar and Teresina Cassar acquired by virtue of a deed drawn up in the acts of the Notary Dr Maria Grima dated sixth (6th) of September, 2017.

4. A portion of the land known as 'Iċ-Ċens' sive 'Ta' Għajn Ħożna', in Triq Ta' Gorg, within the limits of Xagħra, Gozo, measuring approximately one hundred and seventeen square metres (117m2) but with all its area as indicated by the letter 'G' and as marked on the plan and the site plan attached to the schedule of deposit and marked as Doc. 'A'. Which portion of land is bordering from the north with property of the heirs of Carmelo Sultana, from the east with a cliff, and from the west today with property of Alex Cassar and Teresina Cassar or true or more correct boundaries. The same portion of land is subject to the annual and perpetual ground rent of fifty three cents of the Maltese lira (Lm0.53c) mentioned in the deeds in the acts of the Notary Dr Francesco Refalo of the second (2nd) of November of the year one thousand nine hundred and fifty (1950) equivalent to one euro and twenty-four cents of the euro (€1.24) per annum, otherwise free and unencumbered from any other ground rent or burden. Which property the same Alex Cassar and Teresina Cassar acquired by virtue of a deed drawn up in the acts of the Notary Dr Maria Grima dated eighth (8th) of September, 2017.

That these properties were acquired by the applicants as indicated above;

That the applicants wish to redeem this ground rent in its entirety and that is why this application is being presented, and they do not know to whom this ground rent is supposed to be paid;

That the amount of the ground rent levied on each portion is fifty-three cents of the Maltese lira (Lm0.53c) mentioned in the deeds in the acts of the Notary Dr Francesco Refalo of the second (2nd) of November of the year one thousand nine hundred and fifty (1950) equivalent to one euro and twenty-four euro cents (€1.24) per annum burdening each of the portions of land listed above. Thus, the total amount on all the indicated properties of each year amounts to four euro and ninety-six cents (€4.96);

That in the first place, the applicants for all good intents also néed to deposit the arrears of the last five years' ground rent on all the above indicated properties and this therefore amounts to twenty-four euro and eighty cents (€24.80);

Illi fit-tieni lok, l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà li tipprovdi l-liġi ai termini tal-Artikolu 1501 tal-Kap. XVI tal-Liġijiet ta' Malta u jirredimu dan iċ-ċens (gravanti l-porzjonijiet art fuq imsemmija) fl-intier tiegħu illi kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) jammonta għal disgħa u disgħin ewro u għoxrin ċenteżmu (€99.20).

Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin umilment jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tal-istess jgħaddu sabiex jiddepożitaw s-somma totali ta' mija u erbgħa u għoxrin ewro (€124), minn liema ammont is-somma ta' erbgħa u għoxrin ewro u tmenin ċenteżmu (€24.80) rappreżentanti l-arretrati u s-somma ta' disgħa u disgħin ewro u għoxrin ċenteżmu (€99.20) rappreżentanti l-prezz tal-fidi ta' dan iċ-ċens (gravanti l-porzjonijiet art kollha fuq indikati) annwu u perpetwu sabiex jingħataw liberament lill-intimat/i wara li tiġi rilaxxjata d-debita riċevuta skont il-liġi.

Illi fit-tieni lok, l-esponenti Andrew u Charmaine konjuġi Custò huma proprjetarji tas-segwenti:

